22 ta' Mejju, 1950.

Imħallef:

L-Onor. Dr. A.V. Camilleri, B.Litt., LL.D.

**Maria Wismayer et.** *versus* Ruggiero Wismayer et.

## Leġittima — Legat.

*Il-leġittimarju ma jistax jippretendi d-dritt li fil-leġittima tiegħu tiġi mdaħħla parti minn kwalunkwe waħda mis-sustanzi li jikkomponu l-assi patrimonjali tad-decujus.*

*U għalhekk, meta d-decujus iħalli xi legat, il-leġittimarju ma jistax jinjora dak il-legat u jitlob li parti mill-beni li jikkomponu dak il-legat tiġi mdaħħla fil-leġittima li tiġi assenjata lilu. Dak il-legat għandu jiġi meħud in konsiderazzjoni biss għall-finijiet tal-kalkolu tal-leġittima, u jkun hemm lok għar-riduzzjoni tiegħu fil-każ li tiġi leża l-leġittima. Imma sakemm id-decujus ma jeċċedix il-kwota disponibili, dak il-legat jibqa' jseħħ.*

*Għax il-leġittima, skond il-liġi tagħna, hija biss kwota mill-beni li jħalli d-decujus; u għalhekk dana jista' jiddisponi kif irid mill-beni tiegħu, mingħajr distinzjoni ta' l-ispeċi tagħhom, imma biss bil-limitazzjoni tal-kwantità. Jiġifieri illi sakemm id-decujus ma jeċċedix il-kwota disponibili tal-beni tiegħu u ma jilledix il-leġittima, huwa jista' jagħmel li jrid bil-kwota disponibili, u mhux obligat iħalli lill-leġittimarju determinata speċi ta' beni.*

Il-Qorti, — Rat iċ-ċitazzjoni li biha l-atturi talbu, li wara li jingħataw id-dikjarazzonijiet u l-provvedimenti kollha meħtieġa, billi fil-5 ta' April 1945 (dok. B) miet l-imsemmi Giuseppe Wismayer, ir-raġel ta' l-attriċi Maria Wismayer u missier il-kontendenti l-oħra, u dana, b'testment fl-atti tan-Nutar Enrico Saydon tas-7 ta' Lulju 1937 (dok. C), wara li għamel ħafna legati, fosthom il-prelegat favur il-konvenuti tad-ditta "Gius. di R. Wismayer", l-avvjament, l-inkwilinat, kif ukoll il-mobbli ta' l-uffiċċju, kif ukoll l-użufrutt tal-kapitali, titoli u merkanzija, ħalla eredi lill-uliedu kollha f'porzjonijiet indaqs; u billi huma, barra Maria u Rinaldo Wismayer, ma aċċettawx it-testment, u l-atturi kollha, barra l-istess Maria u Rinaldo Wismayer, b'nota preżentata quddiem is-Sekond'Awla ta' dina l-Qorti fis-27 ta' Marzu 1946, irrinunzjaw għall-eredità ta' l-imsemmi Giuseppe Wismayer, iżda żammew favur tagħhom id-dritt ta'-leġittima; u billi huma ma jridux jibqgħu fil-komunjoni mal-konvenuti: (1) tiġi li-

kwidata l-komunjoni ta' l-akkwisti ġa eżistenti bejn l-attriċi Maria Wismayer u Giuseppe Wismayer żewġha, billi jiġi dikjarat li tikkonsisti fis-sustanzi li jkunu pruvati waqt il-kawża; (2) dawna l-ko-akkwisti konjugali jiġu diviżi f'żewġ porzjonijiet indaqs, li waħda minnhom tiġi assenjata lill-assi partikulari ta' Giuseppe Wismayer u l-oħra lill-attriċi; (3) jiġi likwidat l-assi partikulari ta' Giuseppe Wismayer, billi jiġi dikjarat li jikkonsisti fil-porzjoni li jmissu mill-ko-akkwisti konjugali u f'sustanzi oħra li jiġu pruvati 'l quddiem; (4) minn dana l-assi ta' Giuseppe Wismayer jiġu segregati u assenjati tant sustanzi kemm jikkorrispondu għal-leġittima dovuta lil kull wieħed minnhom, barra Maria u Rinaldo Wismayer; (5) il-kumplament ta' dana l-assi partikulari jiġi diviż f'erba' porzjonijiet indaqs, li waħda minnhom tiġi assenjata lill-attur Rinaldo Wismayer u l-oħrajn lill-konvenuti waħda kull wieħed; (6) jiġu nominati perit biex jagħmel il-likwidazzjonijiet fuq mitluba u jipproponi pjan tad-diviżjoni, nutar biex jirċievi u jippublika l-kuntratt relativ, u kuraturi biex jirrappreżentaw il-kontumaċi. Bl-ispejjeż, kompriżi dawk ta' l-ittri uffiċjali tal-21 ta' Jannar, 8 ta' Frar, 21 u 29 ta' Marzu 1945, u tal-mandat ta' l-elevazzjoni tal-20 ta' Novembru 1947, kontra l-konvenuti;

*Omissis;*

Rat ir-relazzjoni preliminali tal-perit legali preżentata fil-15 ta' Frar 1950 u minnu maħlufa fit-23 ta' Frar 1950;

*Omissis;*

Tikkunsidra;

Mill-attijiet tal-kawża jidher li bejn il-kontendenti qamet kwistjoni li hemm bżonn li tiġi qabel xejn deċiża preliminarment. Dina l-kwistjoni ta' indoli preliminari tikkonċerna l-kwistjoni jekk il-leġittimarji għandhomx dritt għal kwalunkwe waħda mis-sustanzi li jikkomponu l-assi patrimonjali tad-decujus Giuseppe Wismayer; u speċjalment dan qiegħed jingħad in relazzjoni għad-ditta kummerċjali u l-avvjament tagħha, u in kwantu għal-likwidazzjoni tal-leġittima u ta' l-assenjazzjoni tagħha. *Fi kliem ieħor, peress li d-decujus bl-aħħar* testment tiegħu ħalla d-ditta kummerċjali "Gius. di R. Wismayer" u l-avvjament tagħha lil tlieta minn uliedu biss, b'esklużjoni ta' l-oħrajn, bit-titolu ta' prelegat, l-atturi

leġittimarji (mhux l-atturi kollha )jippretendu li, non ostanti dana l-prelegat, huma, li qegħdin jitolbu d-dritt tal-leġittima, għandhom id-dritt anki jippartecipaw materjalment anki mill-oġġetti ta' dak l-istess prelegat, u li l-istess ma għandux jiġi biss kalkulat għall-fini tal-likwidazzjoni tal-leġittima; b'mod li għandu, skond it-teżi tagħhom, jiġi injorat l-istess prelegat bħal kieku t-testatur qatt ma ddispona minnu; mentri l-konvenuti jsostnu li l-leġittima tittieħed mil-leġittimarji minn dawk is-sustanzi li ma jkunx iddispona minnhom it-testatur, għalkemm dawk li jkun iddispona minnhom bla ma kien illeda *l-parti mhix disponsibili għandhom jiġu meħuda* in konsiderazzjoni għall-finijiet tal-likwidazzjoni biss;

Tikkunsidra;

Mil-l-attijiet tal-kawża jidher li d-decujus Giuseppe Wismayer ġie nieqes għall-ħajjin, u ħalla bħala superstiti lill-attriċi martu Maria Wismayer neé Agius u lil uliedu l-kontendenti l-oħra.............. L-istess decujus, b'testment magħmul fl-attijiet tan-Nutar Enrico Saydon tas-7 ta' Lulju 1937........ iddispona.............. u fl-art. 4 ried li "jħalli bi prelegat idditta "Gius. di R. Wismayer", l-avvjament, l-inkwilinat ta' l-uffiċċju u l-maħżen, u l-mobbli ta' l-uffiċċju, lit-tlitt itfal tiegħu Ruggiero, Francesco Giuseppe, u Rinaldo, biex flimkien ikomplu l-kummerċ tat-testatur" ............. Spiċċa bl-art. 13 biex jagħmel dispożizzjoni li fil-menti tiegħu kienet tikkonduċi għall-ugwaljanza tat-tfal dwar il-wirtijiet tiegħu u ta' martu — dispożizzjoni li fuqha ma hemmx lok li jsir diskors għall-kwistjoni odjerna;

***Omissis;***

Tikkunsidra;

Illi wara li ġew magħmula dawna l-premessi, huwa ħajjeb għall-finijiet tas-soluzzjoni tal-kwistjoni sottomessa għall-eżami u deċiżjoni ta' dina l-Qorti li jiġu esposti l-prinċipji legali segwenti:—

1. Illi l-leġittima, skond il-liġi tagħna (art. 652 tal-Kodiċi Ċivili, Kap. 23 tal-Liġijiet ta' Malta), hija "quota bonorum", u mhux "quota haereditatis", kif del resto kienet skond id-Dritt Ruman. Dina d-differenza hija kardinali għall-effetti legali tagħha; l-għaliex mentri "haereditas nihil aliud est quam successio in universum jus quod defunctus ha-

buerit" (L. 62, ff. De regulis juris), u bħala tali taħden l-attiv u l-passiv kollu tad-decujus, l-ipotesi aċċettata mil-leġislatur tagħna hija riassunta fid-definizzjoni tal-kelma "beni", u ċjoè "bona intelliguntur cuiusque quae, deducto aere alieno, supersunt" (L. 39, §1, ff. De verborum significatione), li timporta li huma "beni" dawk l-affarijiet li jibqgħu biss wara li jiġu mnaqqsa u mħallsa d-djun. F'dana l-leġislatur tagħna segwa d-Dritt Ruman kif riformat mid-Dritt Ġustinjanu; u għalkemm ħafna awturi u kodiċijiet kontinentali jirritjenuha bħala kwota ta' eredità, l-ipotesi aċċettata mill-leġislatur tagħna hija suffragata minn ħafna awturi preġevoli, bħal Fachineo (Lib. 12, Cap. 4), Mantica, Giasone, il-President Fabro, ċitati mill-Merlin (Vol. XI, vuċi Leġittima, Sez. II, §1, paġ. 7), u l-Voet (Volum I Ad Pandectas, Liber V, Titolus II, De Inofficioso Testamento, paragrafu XLIV u ta' warajh), u z-Zachariae (T. V. paġ. 133);

2. Illi l-liġi tirrikonoxxi lid-decujus il-fakoltà li jiddisponi b'mod pur u sempliċi, bla ma timponilu ebda determinazzjoni ta' l-ispeċi tal-beni li minnhom jiddisponi (ara art. 651 tal-*Kodiċi Ċivili*, Kap. 23 *tal-Liġijiet ta' Malta, li minnu jitnissel* li ma hemm ebda distinzjoni ta' speċi ta' beni, imma biss ta' kwota fil-każ hemm kontemplat; ara wkoll l-art. 357);

3. Illi l-liġi taqsam il-patrimonju tad-disponenti f'żewġ partijiet; waħda l-parti disponibili, u l-oħra l-parti indisponibili (ara l-istess art. 651 u l-art. 684 u ta' wara, u l-art. 683 tal-Kodiċi Ċivili). Il-parti li mhix disponibili, jew aħjar indisponibili, tiġi kalkulata matematikament skond l-art. 653 u ta' wara skond il-każ; u dawk il-persuni msemmija mil-liġi, u li jkunu *intitolati għal-leġittima, jimpossessaw* tuħhom *mill-parti* indispensabili kollettivament, u minnhom dik il-massa tiġi maqsuma fi kwoti ugwali;

4. Illi l-leġittima hija dovuta "in piena proprietà", u d-disponenti ma jistax jimponi fuq dik il-kwota piżijiet u kondizzjonijiet, kif tgħid l-istess liġi (ara art. 657 Kodiċi Ċivili); u l-istess għandha tiġi mħallsa "ex ipsa substantia patris" (ara L. 36 Kodiċi de inofficioso testamento), b'mod li l-istess trid tiġi mħallsa in natura, jew aħjar b'dawk l-istess beni li jkunu ġew *imħollija mid-decujus. Minn dana jitnissel li jekk*

id-disponenti jkun ħalla beni immobili u effetti mobili; il-leġittimarju huwa obligat jirċievi, jew għandu dritt jeżiġi, miżżewġ *speċijiet* ta' beni u ħwejjeġ biex jagħmlu tajjeb għal-leġittima lilu dovuta (ara Merlin, Vol. XI, vuċi Leġittima, paġ. 210, sezzjoni IX, §II, u Voet, Ad Pandectas, De Inofficioso Testamento, Liber V, Titolus II, para. LIV fil-qiegħ). Għalkemm il-liġi ma tgħid xejn fuq il-ħwejjeġ li għandhom jikkomponu l-pagament tal-leġittima, eppure dana jista' jiġi indott mill-konsegwenzi legali li jitnisslu mill-istess definizzjoni ta' l-istitut tal-leġittima, definit mil-leġislatur bħala "porzjoni jew sehem mill-beni tal-mejjet". Del resto, jekk hemm bżonn *prova oħra ta' dana li ntqal, l-istess tista' tiġi* addotta mil-liġi. Infatti, mentri l-leġislatur ma ta ebda fakoltà lill-eredi dwar l-ispeċi tal-ħwejjeġ li għandhom iservu għall-ħlas tal-leġittima lill-persuni msemmija fl-art. 653 tal-Kodiċi Ċivili u ta' wara, meta ġie biex jiddisponi dwar id-drittijiet tal-konjuġi u tat-tfal illeġittimi u l-ħlas lilhom riżervat għal-leġittima tagħhom, fl-art. [illegible] tal-Kodiċi Ċivili, espressament ikkonċeda lill-istess eredi l-fakoltà li jħallas lil dawk it-tfal il-kwota riżervata tagħhom jew kollha fi flus, jew kollha f'effetti *mobili jew immobili* wara li l-istess ikunu ġew stmati. Minn dana jitnissel li fejn il-leġislatur ried iħalli f'idejn l-eredi l-għażla qalu ċar — "ubi voluit dixit" — u kwindi, jekk ma qalux fil-każ tat-tfal leġittimi u leġittimati, jew adottivi, u fil-konfront ta' l-axxendenti, huwa leċitu u ċivili li jiġi affermat li huwa ried li l-persuni l-aħħar imsemmija fil-kwota leġittima tagħhom jieħdu minn kwalunkwe speċi jew korp, kemm jista' jkun, li jkun jeżisti fil-patrimonju tad-decujus. Dana ntqal apparti l-konsiderazzjoni morali a bażi tad-differenza *ta' trattament li din l-Qorti għandha raġun taħseb li* animat l-istess leġislatur; l-għaliex mentri t-tfal illeġittimi ma jappartjenux lill-familja tad-decujus, u "nec gentem nec familiam habent", id-dixxendenti leġittimi, leġittimati, u l-axxendenti jappartjenu lill-familja; u t-tfal adottivi, għalkemm ma jidħlux fil-familja, huma jakkwistaw drittijiet u jassumu dmirijiet li huma inerenti għall-filjazzjoni, bħala li jkunu, kif jingħad, "solatium eorum qui liberos non habent";

5. Illi d-dritt assolut tad-dispożizzjoni tal-proprjetà (art. 387 *Kodiċi Ċivili) huwa limitat mill-fakoltà ta' xi dispożiz-*

zjoni b'titolu gratuwitu, meta d-disponenti jkun ħalla superstiti ċerti parenti. F'dana s-sens il-kapaċità tal-bniedem li jiddisponi b'testment mhix illimitata, l-għaliex id-decujus ma jistax jiddisponi qabel ma jkun ġie nieqes mill-beni tiegħu kollha, *iżda* minn parti minnhom biss. Fi kliem ieħor, apparti l-limitazzjoni dwar ċerti persuni, il-kapaċità u fakoltà tad-dispożizzjoni per mezz ta' attijiet ta' l-aħħar volontà hija wkoll limitata għall-kwantità tal-beni. Dina l-kwantità tiddependi minn kemm mil-likwidazzjoni tal-patrimonju u skond in-numru tal-parenti dak l-istess patrimonju għandu matematikament *jikkomponi* sew il-parti disponibili, sew il-parti indisponibili, li "a priori" ma jistgħux jiġu determinati meta jkun jeżisti patrimonju kospikwu;

Tikkunsidra;

Illi wara li għidna dan li ntqal fuq, jingħad illi jekk huwa minnu li, sabiex tiġi kalkulata l-leġittima in kwistjoni spettanti lill-atturi reklamanti, hemm bżonn li l-legat "de quo agitur" jiġi meħud in konsiderazzjoni għall-finijiet tal-likwidazzjoni tal-patrimonju tad-decujus, mhux altrettantu minnu u assolut li huma, li għandhom id-dritt jieħdu dik il-leġittima in natura u mill-ispeċi ta' beni u korpi li jikkomponu dak l-istess patrimonju, għandhom id-dritt li fl-assenjazzjoni jiġi injorat il-legat imħolli lill-legatarji. Infatti d-decujus, li kellu d-dritt jagħmel li jrid bil-kwota disponibili, ma kienx obligat bil-liġi jħalli lil-leġittimarji determinata speċi ta' beni jew korpi, imma l-fakoltà tad-dispożizzjoni tiegħu kienet limitata biss mill-parti indisponibili, b'mod li seta' biegħ kull ma kellu, u li seta' kien jikkonsisti sew f'immobili, sew f'titoli, u sew f'affarijiet oħra, u ħalla biss fil-patrimonju flus kontanti. Del resto, il-leġittima hija kwota ta' beni, u mhux speċi determinata ta' beni; b'mod li jekk id-decujus ma jkunx iddispona minn dik il-kwota, huwa jkun ġie josserva l-liġi, u ma jistax jiġi attakkat it-testment tiegħu;

Illi minn dana jitnissel illi sakemm ma ssirx il-likwidazzjoni ta' dak kollu li ħalla d-decujus, sabiex jiġu determinati l-partijiet disponibili u indisponibili, ma jistax jingħad xejn għal issa dwar l-assenjazzjoni eventwali ta' xi korp jew speċi ta' beni mdaħħla fil-patrimonju tad-decujus fil-waqt tal-mewt tiegħu; bħal ma ma jistax jingħad jekk il-legati ta'

speċi determinati jew ta' kwantità — li huma dispożizzjonijiet ta' beni per mezz ta' testment — in vista tal-preżenza ta' leġittimarji jew riżervatarji għandhomx ikunu suġġetti għal xi riduzzjoni skond id-dritt komuni;

Illi kieku kien minnu dak li qegħdin jippretendu l-atturi leġittimarji, li minn issa jingħad li l-legat "de quo agitur" għandu jitqiegħed fil-ġenb għall-finijiet ta' l-eventwali assenjazzjoni, u wara jirriżulta mil-likwidazzjoni li b'dak il-legat ta' speċi partikulari d-decujus ma eċċediex il-kwota disponibili, jew ma illediex il-porzjoni indisponibili, u ċjoè ma kiserx il-liġi, ikollna l-assurd ta' dikjarazzjoni akkademika aprioristika u inċivili; l-għaliex ma jkunux ġew, kif għandhom, osservati l-ordnijiet loġiċi għall-finijiet tad-determinazzjoni tal-partijiet tal-patrimonju kif trid il-liġi;

Illi kwindi l-ewwel ħaġa li għandha ssir hija l-likwidazzjoni, sabiex inkunu nistgħu naċċertaw jekk id-decujus bid-dispożizzjoni ta' dak il-legat eċċediex il-parti disponibili tal-patrimonju; u f'dina l-likwidazzjoni l-legat "de quo agitur" fl-estensjoni tiegħu kollha għandu jiġi kalkulat, il-għaliex l-istess, bħal speċi ta' beni jew korp, jappartjeni lill-legatarji, u fuqu l-leġittimarji ma għandhomx ħlief id-dritt li lilhom tagħti l-liġi fil-każ li jiġi konstatat li d-decujus, bid-dispożizzjonijiet tiegħu, ikun eċċeda l-parti disponibili, f'liema ipotesi l-istess jista' jkun suġġett għar-riduzzjoni;

Għal dawna l-motivi;

Taqta' u tiddeċidi li, kif jaqblu l-partijiet, il-legat "de quo", kif u fl-estensjoni msemmija fit-testment tad-decujus, għandu jiġi kalkulat fil-patrimonju għall-finijiet tal-likwidazzjoni tal-leġittima; imma l-istess, bħala korp, ma għandux jiġi injorat, jew b'xi mod mimsus, salv lil-leġittimarji reklamanti kwalunkwe dritt li għandhom u jista' jkollhom għar-riduzzjoni tal-legat imsemmi fil-każ li mil-likwidazzjoni jirriżulta aktar tard li d-decujus bid-dispożizzjonijiet tiegħu illeda l-parti disponibili; b'mod li qabel dik il-likwidazzjoni kwalunkwe deċiżjoni fuq l-eventwali assenjazzjoni hija barra minn lokha u prematura, jekk u kwante volte tistħoqq lir-reklamanti;

L-ispejjeż ta' l-inċident jitħallsu kollha mil-leġittimarji reklamanti, li qajmu l-inċident.